MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 752/2004

**Elmo Insurance Agency Limited bhala rappresentant tas-socjeta estera Royal & Sun Alliance Insurance plc, surrogata fid-drittijiet ta'l-assikurat taghha Dennis Vassallo u l-istess Dennis Vassallo**

**vs**

**Alexander Camilleri**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta' April, 2004, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' erba' mija u tletin lira Maltin u erbgha u tletin centezmu (Lm430.34), in kwantu ghal Lm380.34 lill-attur Elmo Insurance Agency Limited noe u in kwantu ghal Lm50 lill-attur Dennis Vassallo, rappresentanti danni minnu ikkagonati u subiti mill-atturi in segwitu ghal incident awtomobilistiku li gara Had Dingli fit-12 ta' Dicembru 2002, meta waqt li l-konvenut kien qed isuq

vettura bin-numru DAL 948 habat mal-vettura JBD 905 proprjeta ta'l-attur Dennis Vassallo u misjuqa minnu, ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali tal-24 ta' Novembru 2003, l-ispejjez ta'l-ittra ufficjali ipprezentata kontestwalment ma'l-avviz ghan-notifika ta'l-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur ta'l-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-imghax legali b'effett mill-24 ta' Novembru 2003 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut, ngunt ghas-subizzjoni.

Ra illi ghalkemm debitament notifikat l-konvenut baqa' ma deherx quddiem it-Tribunal u lanqas ipprezenta risposta skond il-ligi.

Sema' x-xhieda ta'l-avukat Dr. Joseph Zammi Mckeon ghan-nom ta'l-atturi li ikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' erba' mija u tletin lira Maltin u erbgha u tletin (Lm430.34), bl-imghaxijiet legali mill-24 ta' Novembru 2003.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali tal-24 ta' Novembru 2003 u l-ispejjez ta'l-ittra ufficjali ipprezentata kontestwalment ma'l-avviz ghan-notifika ta'l-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur ta'l-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------